Minuti ta' l-erbgha u ghoxrin laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali t'Ghajnsielem, li nzammet nhar it-Tnejn, 8 ta' Frar, 2010, fit-3.30 ta' wara nofs in-nhar.

| Prezenti: | | |
|---|---|---|
| | Is-Sur Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Stephen Mercieca | Vici Sindku |
| | Is-Sur Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Is-Sur Peter Caruana | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Camilleri | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Amanda Cauchi | Segretarju Ezekuttiv |

1. Talba – Wara li s-sindku qal talba, ta bidu ghal-laqgha.

2. Korrezzjoni tal-minuti:
   i. Paragrafu 4: Is-Sur Joe Camilleri ghamel enfasi, li fil-laqgha precidenti ma gewx diskussi l-figuri tal-fondi li jistghu jinghataw fuq il-progett ta' Bethlehem f'Ghajnsielem.
   ii. Paragrafu 4: Is-sur Joe Camilleri irrefera ghal-paragrafu fejn jghid li "informa lill-prezenti li saru oggetti ghal-presepju min fondi privati biex il-Kunsill ma jkollux access ghalihom, bhal statwi u vestwarju". Dan il-paragrafu jigi jaqra' "l-organizzaturi xtraw il-vestwarju u statwi biex ikunu taghhom, u ma joqghodux jitolbu permess kull darba li juzawhom".
   iii. Paragrafu 4: Fejn hemm miktub " Is-Sur Buttigieg oggezzjona ukoll ghall-Christmas Cards li gew stampati ghax ma nghogbux", dan irid jigi jaqra "Is-Sur Butigieg qal li hija haga sabiha li gew stampati l-*christmas cards*, imma kien ikun aktar xieraq li jgibu jidher lil kulhadd".

3. Korrispondenza
   i. Is-Segretarju ezekuttiv uriet l-ittra li kitbet Mrs. Sagona, fejn stqarret li tixtieq tirrezenja mill-impjieg ta' ufficjal ezekuttiv mal-Kunsill Lokali Ghajnsielem. Hi bdiet in-*notice period* mill-1 sal- 5 ta' Frar, 2010 wara li ntlahaq ftehim mas-segretarju ezekuttiv, flimkien mal-Kunsill.
   ii. Il-Kunsill qabel li jkun xieraq jekk jinxtara rigal kemm lis-Sur Anton Zammit kif ukoll lil Sinjura Marianne Sagona bhala rigrazzjament tax-xoghol li wettqu fil-Kunsill. Is-sindku, f'isem il-Kunsill ferah wkoll lil Mrs. Sagona ghat-tarbija li ghadha kemm

weldet u rringrazzja lis-Sur Zammit tas-servizzi li ta lill-Kunsill bhala Agent Segretarju Ezekuttiv.

iii. Is-segretarju ezekuttiv uriet l-ittra li rcieva l-Kunsill mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali rigward l-impjieg tas-Sur Zammit. Fil-laqgha precidenti kien sar suggeriment li is-Sur Zammit jibqa jghin lis-segretarju ezakuttiv l-gdid peress li l-ufficjal ezekuttiv kienet hierga bil-*maternity leave*. B'hekk is-segretarju ezekuttiv baghtek ittra lid-Dipartiment fejn talbet ghal-permess. Ir-risposta min ghand is-Sur James Catania spjegat li is-Sur Zammit ma jistghax jkompli jaghti s-servizzi tieghu fil-Kunsill Lokali peress li lahaq l-eta' tal-Pensjoni.

iv. Is-Segretarju ezekuttiv spjega l-*email* li qeghda ticcirkola fil-Kunsilli t'Ghawdex, biex isir pjan ghar-reklamar ghat-turizmu fil-gzira Ghawdxija. Is-Sindku qabel li jkellem lis-Sur Paul Curmi, li hu l-persuna li qeghda tiehu hsieb din il-korrispondenza, fejn jghidlu li dan il-Kunsill hu interessat.

v. Is-Sur Peter Caruana stqarr li jixtieq kopja tal-permess tal-Mepa ta' l-*extension* tal-Grand Hotel. Is-Sindku qal li dan ma kienx possibbli peress li din hi propjeta privata, pero' wiehed jista' jara dan il-permess u l-pjanti fl-ufficcju tal-MEPA f'Ghawdex.

vi. Is-Segretarju ezekuttiv wriet l-*quotations* tal-photocopier, u stqarret li hija tal-parir li tinkera, peress li il-Kunsill ma johrogx hafna flus f'sena wahda. B'hekk il-Kunsill qabel li tinkera ghal-hames snin. B'dan il-mod il-Kunsill ikun qieghed jiffranka t-*toner* u l-maintenance kollha fuq il-photocopier.

4. Ilmenti mir-residenti

i. Il-kunsill qabel li terga' issir il-mera li kien hemm fit-Triq Cordina. Is-sindku ssugerixxa li titwahhal mera fit-Triq Borg Gharib, faccata ta' Triq Simirat. Il-Kunsill qabel ma din ukoll. Is-Sur Camilleri gibet ukoll l-attenzjoni li l-mera li tinsab fit-Triq Mgarr, li taghti ghal Triq Ghajnsielem ghandha bzonn xi *setting* biex tigi taghti stampa ahjar ghal-min ikun qieghed isuq.

ii. Ilment iehor li dahal fl-ufficju tal-Kunsill kien fuq il-hafna tabelli tal-hwienet li jinsabu fil-bidu ta' Triq Chambrai. Is-sindku qabel li jinqalghu t-tabelli z-zejda u li ma ghadhomx jintuzaw, wara li nitolbu permess min ghand il-MEPA u d-dipartimenti kkoncernati.

Is-Sur Mercieca issugerixxa li ssir tabella kbira u pulita li tigbor l-ismijiet tal-hwienet kollha flimkien, u li xorta turi direzzjoni fejn jinsabu.

iii. Residenta Rita Galea, li kisret idejha meta waqghet fit-triq taghha waqt li kien qieghed isir xi xoghol ta' tarmac fit-triq taghha, xtaqet id-dettalji tal-kuntrattur responsabbli tax-xoghlijiet fit-triq. Il-Kunsill qabel li jaghti dawn id-dettalji.

iv. Dahal suggeriment min resident biex titwahhal *sleeping police* fis-service road ta' Mgarr Road. Il-Kunsill qabel li niktbu lil ADT ghall-approvazzjoni.

v. Il-*Contract Manager* irraporta l-ufficju tal-kunsill bank miksur fit-Triq il-Gnien. Is-Sur Camilleri zied ukoll jghid li quddiem il-bini tac-Centru Civiku hemm zewg bankijiet li jehtiegu bidla. Gie deciz li l-bankijiet ta' Triq Chambrai jinqalghu u jitwahlu quddiem ic-cimiterju. Is-Sindku qal li flok dawn il-bankijiet ser jitwahhlu ohraj godda permess tal-fondi tal- U.I.F.

5. Street sweeping.
Is-sindku ta rendikont tal-laqgha li kellu, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv mad-Diretturi tal-KIP. Id-Diretturi tal-KIP accettaw li jinbidlu xi kundizzjonijiet fit-tender mitfuh minnhom, biex jintlahaq kompromess, skond il-parir li kien ta' d-Direttur tal-Gvern Lokali. Is-Sur Joe Camilleri kien ta' l-opinjoni li terga' tinhareg it-tender. Is-Sur Peter Caruana semma l-fatt li mir-rapport tat-toroq li jsir kull tlett xhur, jidher li s-servizz li kienu qeghdin jaghtu Steve u Saviour ma tantx kien tajjeb. Hu temm jghid li huwa kunsillier tal-poplu kollu t'Ghajnsielem, u mhux ta' zewg min nies biss, u b'hekk ghandna ntejbu s-servizz. Is-Sindku kompla jghid kemm l-KIP hi kumpanija serja u ghandhom servizz tajjeb hafna f'Victoria. Il-Kunsill qabel li t-tender ta' *Street Sweeping* ghandhom jehduha tal-KIP, bil-kundizzjoni li jkun hemm *penalties* ghas-servizz hazin.

6. Offerti Centru Civiku:
Is-sindku qal li x-xoghol tac-Centru Civiku miexi sew, u kuljum il-*contract manager* qieghed jiehu ritratti bix-xoghol li jkun twettaq. Is-Sindku spjega li issa wasal il-hin li johrogu s-sejhiet ghal-offerti ta' l-installazzjoni tad-dawl u ilma, twahhil tas-suffit, madum, tkahhil, u biebien. Is-sindku ssugerrixxa li nqabbdu *contract manager* li jiehu hsieb dawn l-offerti u

jiccertifika li x-xoghol ikun sar kif suppost. Is-Sur Caruana ssugerrixxa li nqabbdu lil perit joqghod bhala *contract manager*, u l-Kunsill qabel ma dan.

7. Accountant

   Is-sindku semma l-punt li wasal iz-zmien li johorgu offerti godda ghas-servizzi ta' accountant. Is-Sur Mercieca insista li Kunsill mhux suppost li jkollu accountant li jghin lis-segretarju ezekuttiv fil-finanzi tal-Kunsill.

8. Ix-xatt l-ahmar

   Il-kunsill qabel li l-bajja tax-xatt l-ahmar u l-access ghaliha tinsab fi stat dizastruz. Is-Sindku issugexxa li l-Kunsill iqabbad perit biex jaghmel rapport fuq l-stat kurrenti ta' din il-bajja. Il-Kunsill qabel li jqabbad lil perit Godwin Sultana biex ihejji dan ir-rapport.

9. Bethlehem f'Ghajnsielem

   Il-kumitat Bethlehem f'Ghajnsielem kellhu jigi fformat malajr biex setghu japplikaw ghal-fondi mill-Unjoni Ewropeja. Is-Sur Larry Buttigieg staqsa fuq l-izvilupp tal-progett f' Ta' Passi. Is-Sindku spjega li meta ssir id-devolution tac-Centru Civiku, huwa kien ser ikellem lis-Segretarju Parlamentari, Dr. Jason Azzopardi sabiex jintervjeni fid-develution fuq l-art Ta' Passi. B'hekk il-Kunsill ikun jista' jkompli fuq dan il-progett, u fuq il-progett ta' Bethlehem f'Ghajnsielem bla ebda xkiel. Intlahaq ftehim li ssir laqgha ma' l-ghaqdiet kollha li hadu sehem f'Bethlehem f'Ghajnsielem 2009, nhar il-Hamis, 18 ta' Frar, 2010 fis-6.00 pm.

10. MEAUSAC Seminar

    Is-sindku, is-segretarju ezekuttiv u s-Sur Camilleri attendew is-seminar li gie mtella' mill-MEAUSAC. Is-Sindku ta rendikont fil-qosor tas-seminar, fejn qal li hemm tlett fondi kbar li l-Kunsill jista' jibbenefika minnhom. Wiehed mil-fondi huwa relatat mat-tisbieh fil-qalba tar-rahal specjalment ghat-turisti. Fond iehor, l-Italia-Malta, huwa fond li l-kunsill jista jiehu b'kollaborazzjoni ma' organizzazzjoni minn nofsinhar ta' Sqallija. Is-Sur Camilleri ssugerrixxa li jsir ftehem mal-Kunsill tax-Xaghra biex issir skavazzjoni tat-templi neolitici li z-zewg irhula ghandhom. Gie deciz li ssir laqgha mas-Sur Formosa, li jirrapresenta lil MEAUSAC f'Ghawdex, fuq dawn il-fondi. It-tielet fond huwa l-Elena.

11. Futbol *Rally*

Il-kazin tal-Futbol, b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali Ghajnsielem qieghed jorganizza rally li ser isir nhar is-Sibt, 28 ta'Frar, 2010. Is-Sur Larry Buttigieg qieghed jghin fl-organizzazzjoni f'isem il-Kunsill.

12. Mistoqsijiet:

Joe Camilleri

i. <u>Laqgha bejn is-sindku, il-Ministru ghal-Ghawdex u l-Arcipriet tal-parrocca</u>.

Is-sindku zvela li kienet ikkuntatjatu l-Ministru ghal-Ghawdex u qaltlu li l-Arcipriet kien ikkuntatjaha biex issir laqgha fuq il-Pjazza u rigward l-esproprjazzjoni ta' art tal-Knisja fit-Triq Chambrai. Il-Ministru qalet lill-Arcipriet biex ghal din il-laqgha ikun prezenti wkoll is-Sindku t'Ghajnsielem. Meta ltaqghu ghal din il-laqgha, is-Sindku qal li l-Arcipriet talab lill-Ministru biex taghmel l-*embelishment* tal-Pjazza Madonna ta' Loreto. Il-Ministru qalet li kienet ser tohrog skema biex ikunu jista' jsiru progetti bejn il-Kunsilli Loikali bis-shab mal-privat u din tkun f'konformita' mal-ligi. Il-Ministru kompliet tghid li hekk kif tohrog din l-skema u l-Kunsill ikun qabel li jsir dan it-tip ta' xoghol, f'dan il-kaz il-progett tal-Pjazza , issir laqgha bejn il-Ministru ghal-Ghawdex, il-Kunsill Lokali Ghajnsielem, l-Arcipriet u s-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said, biex issir diskussjoni fuq il-possibita' li jsir l-*embellishment* tal-Pjazza bejn l-erbgha partijiet. Il-Ministru kompliet tghid li hi kienet ser tibghat lill-Kunsill *draft letter* ta' kif ghandu jkun il-kuntratt f'kaz li jintlahaq ftehim. L-Arcipriet qal li hu ma kienx jaqbel mad-disinn tal-Pjazza kif pjanah l-Kunsill. Is-Sindku wiegbu li jista' jsir xi alterazzjonijiet fuq id-disinn, pero' hu wkoll ma kienx jaqbel mad-disinn pjanat min-nahha ta' l-Arciopriet. Intlahaq ftehim li l-Arcipriet jkellem lill-Isqof b'din il-laqgha u wara jinfurma lil-Ministru bir-rizultat. Is-Sindku qal li prezenti li huwa wkoll se jinfurma lill-Kunsill b'din il-laqgha u jiehu l-opinjoni ta' shabu l-kunsilliera fuq dak li ntqal fil-laqgha bejn il-Ministru, s-Sindku u l-Arcipriet. Il-ministru infurmat lis-Sindku li kienet ser izzommu nfurmat fuq ir-rizultat tal-laqgha bejn l-Arcipriet u l-Isqof.

11, Dar Bernardina, Pjazza tad-Dehra, Ghajnsielem. Gsm 1200
Tel. No. 21561515 Fax 21560909 E-mail: ghajnsielem.lc@gov.mt

ii. Skavar ta' l-Ghajn tal-Hasselin

Is-Sindku nforma lil Kunsill li l-applikazzjoni waslet il-MEPA. Hu qal li l-process fuq din l-applikazzjoni miexi normali fejn kaz bhal dan jiehu fit-tul peress li jkun hemm hafna konsultazzjoni. Ir-riforma li saret fil-MEPA ma taghmel l-ebda differenza biex il-kaz ma jittawwalx hafna.

iii. Triq Lordes

Is-Sur Caruana qal li l-bankina gejja wiesa 10 piedi. Hu pjanat li ssir it-triq mil-qiegh minn nahha tal-Gvern, izda bhalissa qieghed isir *patching* peress li jkun hemm iz-zjarat lil Knisja ta' Lourdes. Is-Sindku qal li l-Ministru ghal-Ghawdex hareg *tender* biex din issir bit-tarmac.

iv. Triq Hamri

Is-Sindku spjega li nghatat l-ewwel passata f'din it-triq. Wara li tithalla toqghod ghal ftit granet, tinghata t-tieni passata u jispera li sa l-ahhar ta' Frar tkun lesta.

v. Bus Shelters

Is-segretarju ezekuttiv stqarret li kienet baghtet ittra rigward l-*bus shelter* fil-Gudja, izda l-ADT tehtieg permess minn ghand il-MEPA l-ewwel. Is-Sindku, flimkien mal-Kunsilliera qabblu li jitqabbad il-perit Godwin Sultana biex napplikaw ghal-dan il-permess.

vi. Reflector fir-roundabout ta' fejn il-Heliport

Il-kunsill qabel li dan ir-reflector jerga jitwahhal fejn kien.

vii. Church View Street

Is-sindku qal li l-Kunsill ma jistax iqaxxar it-triq ghaliex kienet mahmuga biz-zjut. Il-kundizzjoni tat-triq kienet ghadha perfetta. Iz-zejt li hammeg it-triq sar bit-traskuragni tal-privat. Madankollu qabel biex il-Kunsill jaghti pressa qawwija ta' ilma biex titnaddaf xi ftit it-triq.

viii. Waste serv

Il-kunsill qabel li nibghatu ittra lill-WasteServ biex jitwahhlu tabelli li juru direzzjoni ghac- *civic amenity centre* min nahha tac-cimiterju t'Ghajnsielem.

*ix.* *Locality sign*

Meta giet biex titwahhal, instabu xi cables ta' l-Enemalta u ma setghetx titwahhal. Ghandha tinkiteb ittra lil Enemalta biex naraw x'jista` jsir.

x. Playing field Mabbli Cauchi

Ghandhom jinxtraw tapiti godda bil-fondi ta l-HSBC apposta ghal-dan il-ghan.

Il-laqgha giet aggornata ghal nhar il-Hamis, 11 ta' Marzu, 2010. Il-laqgha ntemmet fis-18.45.

A. Cauchi

Amanda Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

Francis Cauchi
Sindku